# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# (GHAWDEX)

## GUDIKATUR Dr Grazio Mercieca LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 7 ta' Novembru 2001**

**Avviz Numru : 10/01GT (GM)**

**Giovanna Dimech pro et noe**

**-vs-**

**Anthony Grech et**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi li jghid hekk:"Peress illi l-konvenuti ghandhom ihallsu lill-atturi s-somma ta' sitta u sittin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm66.15) dovuti lilhom bhala hlas ta' l-appogg bejn il-proprjeta` tal-konvenuti u dik ta' l-atturi fi Triq Mannar, Xaghra, Ghawdex.

Il-konvenuti ghandhom jigu kkunddannati ihallsu ukoll l-imghaxijiet fuq dan l-ammont, l-ispejjez ta' l-ittri interpellatorji mibghuta fit-12 ta' Settembru 1999 u fis-16 t'April 2001 u l-ispejjez ta' din il-procedura."

Ra r-risposta tal-konvenuti u cioe':"Illi l-konvenuti minn dejjem kienu disposti illi jhallsu l-appogg indikat mill-atturi, pero` s-somma mitluba kienet wahda esagerata. Ghal dan l-iskop, kien gie mahtur il-Perit Emmanuel Vella, bil-kunsens taz-zewg partijiet sabiex jaghmel stima tal-prezz ghall-appogg.

Il-Perit Vella kien wasal ghal konkluzjoni li l-ammont realment dovut hu ta' wiehed u hamsin lira u hamsa u erbghin centezmu u kif indikat mill-atturi.

Illi huma din is-somma minn dejjem kienu disposti li jhallsuha, pero` l-atturi baqghu jinsistu li tithallas is-somma akbar.

Illi di piu l-konventuti kienu anki lesti li jhallsu s-somma ta' sitta u sittin lira u hmistax-il centezmu, basta illi l-atturi jirregolarizzaw ruhhom u jibnu l-opramorta skond il-ligi u li jaghlqu t-toqba illi ghandhom thares lejn l-inadempjenti.

Ghaldaqstant il-konvenuti ma jahtu xejn illi nbdew dawn il-proceduri u huma ma ghandhomx ibatu l-ispejjez procedurali”

Sema’ x-xhieda ta’ l-attrici Giovanna Dimech u dik tal-konvenut Anthony Grech, u ra d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidra:

Illi t-Tribunal jissimpatizza hafna mas-sitwazzjoni li sabu fiha l-konvenuti li, ghad li kienu u ghadhom disposti jhallsu l-ammont ta’ sitta u sittin lira Maltin u hmistax-il centezmu Lm66.15 kif mitlub mill-attrici, riedu wkoll li jigu rizolti kontestwalment il-kwistjonijiet l-ohra pendenti bejn il-partijiet rigwardanti l-bini tal-opramorta skond il-ligi kif ukoll l-gheluq ta’ rewwieha li almenu skondthom jinhtieg li jsiru mill-attrici.

Illi b’danakollu, apparti li dawn il-kwistjonijiet l-ohra m’humiex ta’ kompetenza ta’ dan it-Tribunal, it-talba ghall-hlas tal-appogg ma hija bl-ebda mod dipendenti fuq dawn il-kwisjtonijiet l-ohra u allura galadarba bejn il-partijiet ma ntlahaqx ftehim dwarhom, il-hlas tal-appogg huwa dovut xorta wahda; salv ovvjament il-jedd li jista’ jkollhom il-konvenuti li jiehdu azzjoni legali quddiem il-Qorti kompetenti dwar l-imsemmija pendenzi ohra;

Illi pero’ fir-risposta taghhom il-konvenuti eccepew li ghalkemm l-offerta taghhom ghall-hlas ta’ LM66.15 kienet soggetta ghall-kundizzjoni li jsir ftehim dwar il-pendenzi kollha; huma dejjem kienu disposti jhallsu, fi kwalunkwe kaz, is-somma i\ghar ta’ LM51.45c u dan kif likwidata mill-perit Emmanuel Vella. Dan jirrizulta ppruvat ghas-sodisfazzjon ta’ dan it-Tribunal mill-ittra mibghuta mill-avukat Dottor Carmelo Galea ghan-nom tal-konvenuti fl-24 ta’ Settembru 2001 (Dok AG-!) kif ikkonfermata bl-ittra sussegwenti tat-18 t’April 2001 mibghuta mill-istess avukat.

Fir-risposta taghhom, il-konvenuti jallegaw li l-Perit Emmanuel Vella gie nkarikat miz-zewg partijiet izda dan ma jirrizultax mill-provi. Aktarx tqabbad *ex parte* mill-konvenuti biss. L-ammont ta’ LM66.15 mitlub mill-atturi huwa bbazat fuq stima tal-perit Edward Scerri. Iz-zewgt istejjem jaqblu ghal dak li hu kejl u rata ta’ hlas; ma jaqblux biss billi l-perit Emmanuel Vella naqqas zewg liri (LM2) ghal kull qasba kwadra minhabba li l-faccata esterna tal-hajt kienet imkahhla bis-siment. Dan it-tnaqqis huwa konformi kemm mal-prattika kostanti tal-periti f’Ghawdex kif ukoll mal-ligi u ghalhekk il-valutazzjoni korretta hija dik tal-perit Emmanuel Vella.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ in parte l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, filwaqt illi jilqa’ t-talba attrici dedotta fl-avviz, izda limitatament ghall-ammont ta’ LM51.45c u ghalhekk jikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-istess somma flimkien mal-imghax legali dekorribbli mid-data ta’ din is-sentenza. L-ispejjez ta’ din l-istanza pero’ huma a kariku tal-atturi billi din il-kawza setghet tigi evitata bl-accettazzjoni tal-ammont korrettement dovut kif offert mill-konvenuti qabel l-inizju ta’ din il-procedura.

(ft) Grazio Mercieca
Gudikatur

(ft) M’Jane Attard
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur